

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-1 ta' Diċembru 2009

li tistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Prezidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill

(2009/908/UE)

(ĠU L 322, 9.12.2009, p. 28)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1316 tas-26 ta' Lulju 2016	L 208	42	2.8.2016

Kkoreġuta minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 344, 23.12.2009, p. 56 (2009/908/UE)

▼B**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-1 ta' Diċembru 2009**

li tistabilixxi miżuri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-eżerċizzju tal-Prezidenza tal-Kunsill, u dwar il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill

(2009/908/UE)

▼M1*Artikolu 1*

L-ordni li fih l-Istati Membri għandu jkollhom il-Prezidenza tal-Kunsill mill-1 ta' Lulju 2017 u sal-31 ta' Diċembru 2030, kif ukoll id-diviżjoni ta' dan l-ordni ta' Presidenzi fi gruppi ta' tliet Stati Membri tinsab fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

▼B*Artikolu 2*

1. Kull membru ta' grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 1, it-tieni subparagrafu, għandu skont min imiss jippresjedi għal perijodu ta' sitt xhur il-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tal-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Barranin. Il-membri l-oħra tal-grupp għandhom jassistu lill-Prezidenza fir-responsabbiltajiet kollha tagħha abbażi tal-programm tal-Kunsill ta' 18-il xahar.

2. Il-membri ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 1 jistgħu jiddeċiedu arranġamenti alternattivi bejniethom.

3. F'waħda jew l-oħra mis-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri f'kull grupp għandhom jiddeterminaw bi ftehim komuni l-arranġamenti prattiċi għall-kollaborazzjoni tagħhom.

▼M1*Artikolu 3*

Il-Kunsill għandu, qabel il-31 ta' Diċembru 2029, jiddeċiedi l-ordni li fih l-Istati Membri ser ikollhom il-Prezidenza tal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2031.

▼B*Artikolu 4*

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijiet Barranin għandhom jiġu ppre-seduti skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 5

Il-korpi preparatorji tal-Kunsill elenkati fl-Anness III għandhom jiġu ppre-seduti minn presidenti fissi kif stabbilit f'dak l-Anness.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼ **M1***ANNEX I***Abbozz ta' Tabella tal-Presidenzi tal-Kunsill (*)**

Netherlands (**)	Jannar-Ġunju	2016
Slovakkja (**)	Lulju-Diċembru	2016
Malta (**)	Jannar-Ġunju	2017
Estonja	Lulju-Diċembru	2017
Bulgarija	Jannar-Ġunju	2018
Awstrija	Lulju-Diċembru	2018
Rumanija	Jannar-Ġunju	2019
Finlandja	Lulju-Diċembru	2019
Kroazja	Jannar-Ġunju	2020
Ġermanja	Lulju-Diċembru	2020
Portugall	Jannar-Ġunju	2021
Slovenja	Lulju-Diċembru	2021
Franza	Jannar-Ġunju	2022
Repubblika Ċeka	Lulju-Diċembru	2022
Żvezja	Jannar-Ġunju	2023
Spanja	Lulju-Diċembru	2023
Belġju	Jannar-Ġunju	2024
Ungerija	Lulju-Diċembru	2024
Polonja	Jannar-Ġunju	2025
Danimarka	Lulju-Diċembru	2025
Ċipru	Jannar-Ġunju	2026
Irlanda	Lulju-Diċembru	2026
Litwanja	Jannar-Ġunju	2027
Greċja	Lulju-Diċembru	2027
Italja	Jannar-Ġunju	2028
Latvja	Lulju-Diċembru	2028
Lussemburgu	Jannar-Ġunju	2029
Netherlands	Lulju-Diċembru	2029
Slovakkja	Jannar-Ġunju	2030
Malta	Lulju-Diċembru	2030

(*) Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tar-Renju Unit bħala Stat Membru.

(**) It-triju attwali huwa mdaħħal f'dan l-Anness għall-finijiet ta' informazzjoni.



ANNEX II

**PRESIDENZA TAL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL
AFFARIJJIET BARRANIN ⁽¹⁾**

Il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-Kunsill Affarijjet Barranin imsemmija fil-kategoriji 1 sa 4 fit-tabella hawn taħt għandha tiġi organizzata kif ġej:

1) Kategorija 1 (korpi preparatorji fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp):

Il-korpi preparatorji għandhom ikunu ppreseduti mill-Presidenza ta' sitt xhur.

2) Kategorija 2 (korpi preparatorji ġeografiċi):

Il-korpi preparatorji għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli.

3) Kategorija 3 (korpi preparatorji orizzontali, prinċipalment PESK)

Il-korpi preparatorji għandhom jiġu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli, ħlief il-korpi preparatorji li ġejjin, li għandhom ikunu ppreseduti mill-Presidenza ta' sitt xhur:

- Grupp ta' Ħidma ta' Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX);
- Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER);
- Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (COCOP);
- Grupp ta' Ħidma dwar Affarijjet Konsulari (COCON);
- Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR); u
- Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR).

4) Kategorija 4 (korpi preparatorji relatati mal-PSDK)

Il-korpi preparatorji relatati mal-PSDK għandhom ikunu ppreseduti minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli ⁽²⁾.

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Presidenza ta' sitt xhur għandhom jikkooperaw mill-qrib sabieq jiżguraw koerenza fost il-korpi preparatorji kollha għall-Kunsill Affarijjet Barranin.

Għall-kategoriji 3 u 4, il-Presidenza ta' sitt xhur għandha tkompli tippresjedi l-korpi preparatorji matul il-perijodu transitorju sa sitt xhur wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Għall-kategorija 2, dan il-perijodu transitorju għandu jkun ta' 12-il xahar.

Modalitajiet għall-ħatra tal-presidenti

Fejn id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew jew din id-Deċiżjoni tistipula li korp preparatorju (KPS u gruppi ta' ħidma rilevanti) għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli, ir-responsabbiltà tal-ħatra tal-president għandha tkun f'idejn ir-Rappreżentant Għoli. Dawn il-ħatriet għandhom isiru abbażi tal-kompetenza, waqt li jkunu żgurati bilanċ ġeografiku u trasparenza adegwati. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jiżgura li l-persuna li huwa biħsiebu jaħtar bħala president ikollha l-fiduċja tal-Istati Membri. Jekk dik il-persuna għadha mhijiex membru tas-SEAE, hija għandha ssir membru skont il-proċeduri ta' reklutaġġ tas-SEAE, ta' mill-inqas għal matul iż-żmien tal-ħatra. Għandha ssir evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dan l-arranġament fil-qafas tar-rapport ta' status dwar is-SEAE previst għall-2012.

⁽¹⁾ Wara l-1 ta' Diċembru 2009 għandha ssir malajr reviżjoni tal-ambitu u l-organizzazzjoni tal-istrutturi ta' ħidma fil-qasam tal-affarijjet barranin, b'mod partikolari fir-rigward tal-qasam tal-iżvilupp. L-arranġamenti dwar il-presidenza tal-partijiet ta' ħidma għandhom, jekk meħtieġ, jiġu adattati skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti f'dan l-Anness.

⁽²⁾ Il-Kumitat Militari (EUMC) u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari (EUMCWG) għandhom jibqgħu jkunu ppreseduti minn president elett hekk kif kien il-każ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

▼ B

1. Korpi preparatorji fl-oqsma tal-kummerċ u l-iżvilupp	Kumitat tal-Artikolu 207	
	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP	
	Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DEVGEN)	
	Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA	
	Grupp ta' Ħidma dwar Merkanzija ta' Użu Doppju	
	Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali	
	Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi	
	Grupp ta' Ħidma dwar is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi	
	Grupp ta' Ħidma dwar it-Tħejjija ta' Konferenzi Internazzjonali dwar l-Iżvilupp/UNCCD Desertifikazzjoni/UNCTAD	
	Grupp ta' Ħidma dwar Għajnuna Umanitarja u Għajnuna Alimentari	
	Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni	
	2. Korpi preparatorji ġeografiċi	Grupp ta' Ħidma dwar il-Maxreq/il-Magreb (COMAG/MaMa)
		Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali (COEST)
Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjun tal-Balkani tal-Punent (COWEB)		
Grupp ta' Ħidma għal-Lvant Nofsani/il-Golf (COMEM/MOG)		
Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI)		
Grupp ta' Ħidma dwar l-Amerika Latina (COLAT)		
Grupp ta' Ħidma dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi (COTRA)		
Grupp ta' Ħidma dwar l-Afrika (COAFR)		
3. Korpi preparatorji orizzontali (maġġorment PESK)	Grupp ta' Ħidma ta' Kunsilliera għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX)	
	Grupp Nicolaidis	
	Grupp ta' Ħidma dwar id-Diżarm Globali u l-Kontroll tal-Armi (CODUN)	
	Grupp ta' Ħidma dwar in-Non-Proliferazzjoni (CONOP)	
	Grupp ta' Ħidma dwar l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali (COARM)	
	Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM)	
	Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER) (1)	
	Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (COCOP) (1)	
	Grupp ta' Ħidma dwar l-OSCE u l-Kunsill tal-Ewropa (COSCE)	
	Grupp ta' Ħidma dwar In-Nazzjonijiet Uniti (CONUN)	
	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (COMEP)	
	Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR, COJUR-ICC)	
	Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi tal-Baħar (COMAR)	
	Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Konsulari (COCON)	
Grupp ta' Ħidma dwar Affarijiet Amministrattivi u Protokoll tal-PESK (CODAM)		

▼B

4. Korpi preparatorji relatati mal-PSDK	Kumitat Militari (EUMC)
	Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari (EUMCWG)
	Grupp ta' Ħidma Politiku/Militari (PMG)
	Kumitat għall-Aspetti Ċivili tal-Maniġġar ta' Kriżijiet (CIVCOM)
	Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Ewropea dwar l-Armi
⁽¹⁾ Il-kwistjoni dwar il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (Aspetti Internazzjonali) (COTER) u tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu (COCOP) ser tiġi trattata wkoll fil-qafas tad-diskussjoni dwar l-istrutturi ta' ħidma tal-ĠAI.	

▼B

ANNEX III

**PRESIDENTI TAL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL BI
PRESIDENZA FISSA**

Presidenti eletti

Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

Kumitat tal-Impjiegi

Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Kumitat Militari ⁽¹⁾

Kumitat tal-Politika Ekonomika

Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji

Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat Militari ⁽¹⁾

Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

Preseduti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Kumitat tas-Sigurtà

Grupp ta' Ħidma dwar l-Informazzjoni

Grupp ta' Ħidma dwar l-Ipproċessar ta' Informazzjoni Ġuridika

Grupp ta' Ħidma dwar il-Komunikazzjoni Elettronika

Grupp ta' Ħidma dwar il-Kodifikazzjoni tal-Leġislazzjoni

Grupp ta' Ħidma tal-Ġuristi-Lingwisti

Grupp ta' Ħidma dwar Binjiet Ġodda

⁽¹⁾ Ara wkoll l-Anness II.